## LIS-SUNETT

*Bik għoġbu Dante jgħanni malli feġġet*
*fuq moħħu minn tal-Musa l-ewwel dija,*
*u, meta Mħabba f'qalb Petrarca ħeġġet,*
*le qatt għanja ma nstemgħet hekk qawwija.*

*Għanja ċkejkna fil-qies, ma fil-ħsieb kbira,*
*lilek Shakespeare ma stmerrx, tal-weraq Tiegħek*
*ħalla Milton fl-Ingliż l-isbaħ tifkira.*
*Bik kull qabbiel l-għadwiet il-ħżiena miegħek.*

*Int, ja Sunett, fil-għana Malti tagħna*
*domt leħnek ma sammajt: bil-għanja tqila*
*tiegħek fostna kien l-ewwel li semmagħna*

*leħnek l-Imgħallem u mbagħad fuq it-tifsila*
*tiegħu, bħala Missier ta' kitba ġdida,*
*l-Ulied għannewk tal-qalb fl-isbaħ taqbida.*

A. Cremona.

---

## ~~TAL-BON TON . . . .~~

~~*Arha għaddejja, qisha Klijopatra,*~~
~~*Mneħirha fl-ajru, ma tħares lej' ħadd;*~~
~~*Qisha Helen ta' Troja li għal ġmielha,*~~
~~*Milli jidher, m'hi ser tintesa qatt.*~~

~~*Għandha raġun — mhux għaliex hi sabiħa —*~~
~~*Daqsxejn xita twaqqgħalha wiċċha l-art!*~~
~~*Mhux għax intelliġenti—erbgħa u erbgħa*~~
~~*Aktarx jekk tgħoddhom iġġibhom bil-fard!*~~

~~*Tiżfen ħażin; bl-Ingliż iċċaflas bl-ikrah;*~~
~~*Inqas taf taqli bajda bla taħraqha.*~~
~~*Lir-raġel, li għal flusha iżżewwiġha,*~~
~~*Inqas ħallietlu ħila biex jitlaqha:*~~

~~*Iżda kburija, wir-raġuni hi:*~~
~~*Tliet ġimgħat ilu issemmiet mill-"Bee".*~~

~~Aesop~~